

MT

FTEHIM

of 16 September 2004

**BEJN IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW U L-BANEK ĊENTRALI NAZZJONALI TA' L-
ISTATI MEMBRI BARRA Ż-ŻONA TAL-EURO**

**LI JEMENDA L-FTEHIM TA' L- 1 TA' SETTEMBRU, 1998, LI JISTABILIXXI L-
PROĊEDURI OPERATTIVI GĦAL MEKKANIŻMU TAR-RATI TAL-KAMBJU FIT-TIELET
STADJU TA' L-UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA**

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW (BĊE) U L-BANEK ĊENTRALI NAZZJONALI TA' L-ISTATI MEMBRI LI HUMA BARRA Ż-ŻONA TAL-EURO (MINN ISSA 'L QUDDIEM 'IL-BĊNi BARRA Ż-ŻONA TAL-EURO'),

Billi:

- 1) Il-Kunsill Ewropew fir-Riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Ġunju, 1997,¹ (minn issa 'l quddiem 'ir-Riżoluzzjoni') iddeċieda li jwaqqaf mekkaniżmu tar-rati tal-kambju (minn issa 'l quddiem 'l-ERM II') meta beda, fl-1 ta' Jannar, 1999, it-tielet stadju ta' l-unjoni ekonomika u monetarja.
- 2) Skond ir-Riżoluzzjoni, l-ERM II huwa mfassal biex jgħin biex jiżgura li l-iStati Membri li ma jagħmlux parti miż-żona tal-euro imma li qed jipparteċipaw fl-ERM II, jidderieġu l-politika tagħhom għall-istabbiltà, jinkoraġġixxi l-konverġenza u b'hekk jgħin hom fl-isforzi tagħhom biex jaddottaw il-euro.
- 3) Il-Ftehim ta' l-1 ta' Settembru, 1998, bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali ta' l-iStati Membri li huma barra ż-żona tal-euro, li jstabilixxi l-proċeduri operattivi għal mekkaniżmu tar-rati tal-kambju fit-tielet stadju ta' l-Unjoni Ekonomika u Monetarja² (minn issa 'l quddiem 'il-Ftehim tal-Bank Ċentrali'), jistabilixxi l-proċeduri operattivi għall-ERM II.
- 4) Jinħtieġ li l-Artiklu 5 tal-Ftehim tal-Bank Ċentrali jiġi sostitut b'dispożizzjoni ġdida biex jittieħed f'kunsiderazzjoni s-sehem internazzjonali dejjem jikber tal-euro bħala waħda mill-valuti ta' riżerva prinċipali;

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artiklu 1

Emenda għall-Artiklu 5 tal-Ftehim tal-Bank Ċentrali

L-Artiklu 5 tal-Ftehim tal-Bank Ċentrali huwa sostitut b' li ġej:

'Proċeduri għall-intervenzjoni u tranżazzjonijiet oħra

- 5.1 Għandu jkun akkwistat il-ftehim minn qabel ta' dak il-BĊN barra ż-żona tal-euro li joħroġ il-valuta ta' interventzjoni, meta bank ċentrali ieħor tas-Sistema Ewropeja tal-Banek Ċentrali jiddeċiedi li juża l-valuta tal-BĊN preċedenti f'ammonti li jeċċedu l-limiti miftiehma bejn iż-żewġ naħat għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-intervenzjoni mhix obligatorja, inkluża l-intervenzjoni intramarginal unilaterali .

¹ ĠU Ċ 236, 2.8.1997, pġ. 5.

² ĠU Ċ 345, 13.11.1998, pġ. 6. Ftehim kif l-aħħar emendat bil-Ftehim tad-29 ta' April, 2004, (ĠU Ċ 135, 13.5.2004, pġ. 3).

- 5.2 Il-BĊN barra ż-żona tal-euro għandu jagħti notifikazzjoni minnufih lill-BĊE meta jkun għamel użu mill-euro f'ammonti li jeċċedu l-limiti miftiehma bejn iż-żewġ naħat għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-intervenzjoni mhix obbligatorja, inkluża l-intervenzjoni intramarginali unilaterali.
- 5.3 Qabel ma jwettaq tranżazzjonijiet, minbarra intervenczjoni, li jinvolvu ta' lanqas valuta waħda ta' barra ż-żona tal-euro, jew il-euro, u li jeċċedu l-limiti miftiehma bejn iż-żewġ naħat, il-parti li jiddeċiedi li jwettaq dwak it-tranżazzjonijiet għandu jagħti notifikazzjoni minn qabel lill-bank/banek ċentrali kkonċernat(i). F'dawn il-każijiet il-banek ċentrali kkonċernati għandhom jaqblu dwar metodu li jnaqqas il-problemi potenzjali, inkluża l-possibbiltà li t-tranżazzjoni tiġi konklużi – b'mod sħiħ jew parzjalment – direttament bejn iż-żewġ banek ċentrali.'

Artiklu 2

Dispożizzjonijiet finali

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ 1 Ottubru 2004.
2. Dan il-Ftehim għandu jinkiteb bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż u ffirmat kif għandu jkun mill-partijiet. Il-BĊE, li hu mitlub biex iżomm il-Ftehim oriġinali, għandu jibgħat kopja ċċertifikata ta' kull wieħed mill-Ftehim oriġinali bl-Ingliż, bil-Franċiż, u bil-Ġermaniż lil kull BĊN kemm fiż-żona ta' l-euro, kif ukoll barra din iż-żona.

Magħmul fi Frankfurt am Main, 16 Settembru 2004.

F'isem u għall-

Bank Ċentrali Ewropew

F'isem u għaċ-

Česká národní banka

F'isem u għad-

Danmarks Nationalbank

F'isem u għall-

Eesti Pank

F'isem u għas-

Central Bank of Cyprus

F'isem u għal-

Latvijas Banka

F'isem u għal-

Lietuvos bankas

F'isem u għall-

Magyar Nemzeti Bank

F'isem u għall-

Bank Ċentrali ta' Malta

F'isem u għan-

Narodowy Bank Polski

F'isem u għall-

Banka Slovenije

F'isem u għan-

Národná banka Slovenska

F'isem u għall-

Sveriges Riksbank

F'isem u għal

The Bank of England
